MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1323/2001/1

**Allied Newspapers Limited**
**vs**

**High Flyer Services Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fis-26 t' Ottubru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm327.50) li l-konvenut naqas li jhallas ghall-diversi servizzi ta' reklamar li s-socjeta` attrici rrendiet lill-konvenut fuq inkarigu specifiku tieghu;**
**Ghalkemm il-konvenut gie nterpellat biex ihallas, inkluz permezz ta' ittra ufficjali f'Novembru, 1999, huwa baqa' nadempjenti;**
**Is-socjeta` attrici ghalhekk qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tlett mija sebgha u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm327.50) kif ukoll l-ispejjez, inkluz ta' l-ittra ufficjali f'Novembru,**

**1999, u l-interessi mid-data ta' kull fattura sal-gurnata tal-hlas effettiv.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Aaron Bugeja ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm327.50) bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' Novembru, 1999.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali f'Novembru, 1999, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**